TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mario Calamatta

Vs

KIS Services Ltd

CCT 204/20/MM

Illum, 14 ta' Ġunju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-31 ta' Diċembru 2020 fejn talab is-somma ta' erbgħin Ewro (€ 40), ammont rappreżentanti *clamping fee* mis-soċjeta' KIS Services Limited.
Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata pprezentata fil-15 ta' Frar 2021, fejn ikkontestat it-talba għal diversi raġunijiet, primarjament minħabba li r-rikorrenti kien naqas milli jobdi s-sinjali u għaldaqstant l-intimat kien ġustifikat japplika l-penali.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi jirriżulta mill-fatti li r-rikorrenti kien xtara biljett tal-*parking* u dan wara li huwa kien staqsa eżattament liema biljett parikolari kien jeħtieġ. Iżda hu jallega li kien dirett jagħmel dan b'mod żbaljat li spiċċa sabiex wara li hu ġie rilaxxat mill-Isptar kellu jgħaddi minn avveniment trawmatiku sabiex il-karozza tiegħu titneħħa mill-*clamping* li kienet saritilha fil-frattemp.

Ikkunsidra

Illi l-pern tat-talba tar-rikorrenti tirrigwarda l-fatt illi huwa għamel il-verifiki tiegħu qabel ma' xtara l-biljett u li il-biljett li huwa xtara minkejja li kien ta' żona differenti kif skontu kien dirett kien ta' l-istess valur monetarju tal-biljett li huwa suppost xtara.

Min-naħa l-oħra l-provi tas-soċjeta' intimat jistrieħu fuq xhieda ta' terzi filwaqt li l-persuna proprju li allegatament tat struzzjonijiet ħżiena lil Kalamatta qatt ma nġabet sabiex tixhed, senjatament l-operatur li fil-ġurnata partikolari kien responsabbli minn dik il-*pay station*, ċertu Satya Sabavath.

Illi dan it-Tribunal ma jħossx li s-soċjeta' intimata ġabet provi biżżejjed sabiex tirribatti dak allegat mir-rikorrenti liema xhieda tiegħu kienet inekwivoka biżżejjed biex il-każ tiegħu jitqies pruvat.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż, għar-raġunijiet fuq spjegati, billi jilqgħa it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

**Martha Mifsud LL.D.**
**Arbitru**